



Brussell, 26 ta' Frar 2024
(OR. en)

6564/24

LIMITE

ENER 73

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Is-sigurtà tal-provvista u t-tnejja għax-xitwa 2024-2025: is-sitwazzjoni attwali - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' spjegazzjoni tal-Presidenza dwar "Is-sigurtà tal-provvista u t-tnejja għax-xitwa 2024-2025: is-sitwazzjoni attwali" bil-ħsieb tal-Kunsill TTE (Enerġija) tal-4 ta' Marzu 2024.

Biex jindirizzaw il-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu bosta miżuri, bħall-pjan REPowerEU, biex jeliminaw gradwalment il-fjuwils fossili Russi sal-2030, jiffrankaw l-enerġija, jiddiversifikaw is-sorsi tal-enerġija u jaċċelleraw il-produzzjoni tal-enerġija nadifa. Barra minn hekk, ġew adottati diversi regolamenti ta' emerġenza b'reazzjoni għat-tħassib dwar is-sigurtà u l-volatilità tas-suq.

Xi wħud minn dawn ir-regolamenti ma ġewx estiżi jew ser jiskadu sa tmiem l-2025¹. Xi miżuri ser jiġu inkorporati fil-pakkett tal-idroġenu u l-gass li għandu jidħol fis-seħħ fl-2024.

F'dan il-kuntest, ħafna Stati Membri appellaw għal rieżami leġiżlattiv biex tissaħħaħ aktar l-arkitettura tas-sigurtà tal-provvista tagħna fit-tul, biex jitqiesu l-iżviluppi reċenti u t-tagħlimiet meħuda matul il-kriżi tal-enerġija.

Il-Presidenza hija tal-fehma li l-isforz komuni li sar mill-UE u l-Istati Membri għandu jkompli. Meta jitqiesu diversi żviluppi fl-UE u s-sitwazzjoni ġeopolitika, it-tisħiħ tat-tnejn u s-sigurtà tal-provvista ser jibqgħu ta' importanza kbira għax-xtiewi li ġejjin. F'dan il-kuntest, u b'kont meħud tas-sitwazzjoni deskritta mill-Kummissjoni fid-dokument ST 7088/24, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jiddiskutu t-tnejn għax-xtiewi u qed tressaq il-mistoqsijiet li ġejjin biex jiggwidaw l-iskambji:

¹ Ir-Regolament dwar il-ħżin tal-gass ser jiskadi sal-31.12.2025 u r-regolament dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass ġie modifikat għal proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

1. **X'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri individwalment, u l-UE kollettivament, biex jiżguraw li d-domanda għall-gass ma terġax lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi u biex jiġu evitati xokkijiet ġodda fil-prezzijiet u impatti ġodda fuq is-sigurtà tal-provvista u fuq l-oġġettivi tagħna tad-dekarbonizzazzjoni?**
 2. **Liema elementi għandhom jiġu inklużi jew sostitwiti fl-arkitettura tas-sigurtà tal-provvista eżistenti tagħna?**
 3. **Liema miżuri komplementari jistgħu jittieħdu flimkien ma' dawk diġà fis-seħħ biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija qabel ix-xitwa li jmiss, biex jiżguraw provvista stabbli tal-enerġija lill-industriji u liċ-ċittadini tal-UE f'każ ta' aktar taqlib u jintlaħaq l-għan tar-REPowerEU li jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili Russi?**
-